# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum it-Tlieta, 19 ta' Gunju, 2001**

**Appell Nru 203/00**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Xandru Kristinu Mamo**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza preliminari taghha tas-26 ta' April, 2001 li tghid hekk:

"Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Xandru Kristin (Kristinu) Mamo fis-16 ta' Jannar, 1999, talli "matul dawn l-ahhar sentejn mit-13.1.99 [**recte:** qabel it-13.1.99] fl-Msida kif ukoll gewwa bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin", b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b'risoluzzjoni wahda: (**1**) xentement ghex, ghal kollox jew f'parti, minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta' Silvana Mamo, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 7(1)(3) tal-Kap. 63; (**2**) sabiex jissodisfa iz-zina ta' haddiehor, gieghel bil-vjolenza, jew hajjar b'qerq, lil Silvana Mamo, mara ta' l-eta`, ghall-prostituzzjoni bi ksur tal-Artikolu 205(b) tal-Kap. 9; (**3**) uza vjolenza sabiex gieghel lil Silvana Mamo taghmel xi haga, u dan bi ksur tal-Artikolu 251(1)(2) tal-Kodici Kriminali; (**4**) hebb kontra l-persuna ta' martu Silvana Mamo sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jghamillha hsara; (**5**) ghamel lil Silvana Mamo ingurji jew theddid, u jekk kien ipprovokat ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni; u (**6**) talli fit-30 ta' Awissu, 1997 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Alison Mamo, persuna taht l-eta`;

"Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Settembru, 2000 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Xandru Kristinu Mamo hati skond l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni (fir-rigward tar-raba' u l-hames imputazzjonijiet, pero`, iddikjarat li r-reat ta' ingurja ma kienx jirrisulta pruvat), u lliberatu mis-sitt imputazzjoni, u kkundannatu ghall-piena ta' sentejn u nofs prigunerija, mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz; dik il-qorti ghamlet ukoll rakkomandazzjoni qawwija lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex jikkonsidra posittivament lill-imsemmi Mamo bhala kandidat eligibbli ghall-programm SATU u sabiex jinghata dik il-kura psikologika li talvolta jkun mehtieg;

"Rat ir-rikors ta' appell ta' Xandru Kristinu Mamo, minnu ppresentat fit-3 ta' Ottubru, 2000, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

“Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

“L-aggravji ta’ l-appellant jistghu jigu riassunti hekk: (1) illi hemm konflitt car bejn il-versjoni tal-fatti moghtija minn mart l-appellant (Silvana Mamo) u dik moghtija mill-istess appellant, u li l-versjoni ta’ mart l-appellant mhix korroborata b’xiehda ohra (anzi certi deposizzjonijiet, bhal tas-*social worker* Caroline Grech Bonnici, donnhom jikkontradicu dak li tghid mart l-appellant); skond l-appellant, martu ghamlet l-allegazzjonijiet kontra tieghu biex tehles minnu sabiex tkun tista’ tmur tikkoabita ma’ haddiehor; u l-konflitt bejn iz-zewg versjonijiet johloq dubbju li kellu jmur favur l-istess appellant; (2) illi l-prosekuzzjoni naqset milli tippoduci imqar xhud wiehed biss sabiex jikkonferma li mart l-appellant verament kienet qed tipprostitwixxi ruhha; (3) illi fir-rigward ta’ l-ewwel imputazzjoni ma jirrisultax pruvat li l-appellant ghamel xi qliegh minn fuq il-prostituzzjoni ta’ martu peress li dina, meta ddeponiet quddiem l-ewwel qorti, ma kienitx kapaci tikkwantifika tali qliegh; (4) a rigward ta’ l-akkuzi ta’ uzu ta’ vjolenza u theddid jista’ jkun hemm lok ghall-preskrizzjoni trimestrali; u, l-ahhar aggravju, (5) li piena karcerarja ma kellhiex tinghata f’dan il-kaz. Hu evidenti minn dana r-riassunt li, hlief ghall-aggravji numru erbgha u hamsa, l-aggravji l-ohra jammontaw, in effett, ghal aggravju wiehed, u cioe` li l-ewwel qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma kellhiex issib htija kif effettivament sabet.

“Kwantu ghar-raba’ aggravju, ghandu jigi precisat li huma biss ir-raba’ u l-hames imputazzjonijiet li jipotizzaw reat ta’ natura kontravvenzjonali; it-tielet imputazzjoni tipotizza reat li hu delitt, bi preskrizzjoni ta’ hames snin (Art. 688(d), Kap. 9).

“Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha d-deposizzjonijiet tad-diversi xhieda moghtija quddiem l-ewwel qorti, u frankament ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa minn dik il-qorti dwar il-htija ta’ l-appellant. L-ewwel qorti kellha l-opportunita` -- li <u>din</u> il-Qorti m’ghandhiex -- li tara lix-xhieda, u specjalment lill-appellant (allura imputat) u lil martu, jiddeponu *viva voce*, u ghalhekk kienet f’posizzjoni hafna ahjar minn din il-Qorti li tiddeciedi lil min temmen u x’temmen. Apparti li d-deposizzjoni ta’ Silvana Mamo hi, in parti, korroborata mid-deposizzjonijiet tat-Tabib Moses Camilleri u tal-*Family Protection Officer* Gerald Menendez, anke li kieku ma kienx hemm tali korroborazzjoni l-ewwel qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha a bazi tad-deposizzjoni ta’ Silvana Mamo biss. Ma huwiex korrett dak li sosttometta l-abbili difensur ta’ l-appellant fit-trattazzjoni tieghu, u cioe` li Silvana Mamo kienet tinkwadra bhala “komplici” f’xi whud mir-reati addebitati lill-appellant. Pjuttost din il-Qorti tara lil-imsemmija Silvana Mamo bhala l-“vittma” ta’ l-appellant (ara f’dan is-sens ukoll is-sentenza ta’ din il-Qorti, diversament presjeduta, tad-29 ta’ Jannar, 1987 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Anthony Rizzo***). L-unika modifika zghira li din il-Qorti thoss li ghandha taghmel ghal dik li hi d-dikjarazzjoni ta’ htija ta’ l-appellant hi li tiddikjara l-hames imputazzjoni (l-akkuza ta’ theddid) bhala assorbita fit-tieni imputazzjoni.

“Kwantu ghall-piena, din il-Qorti tara li l-konsiderazzjonijiet ta’ l-ewwel qorti f’dana r-rigward huma ineccepibbli. Ghalhekk din il-Qorti ser tirriproduci *verbatim* dak li qalet l-ewwel qorti a propositu tal-piena:

““Illi l-azzjonijiet kriminuzi kommessi mill-imputat jikkostitwixxu reati serji li kkagunaw dannu u tbatija fisika u morali lill-mara tieghu, u li ghalhekk ma hemm ebda dubbju li dawn jimmeritaw piena karcerarja.

“Illi minn naha l-ohra il-Qorti, bhala fatturi mitiganti, hadet in konsiderazzjoni s-segwenti cirkostanzi: (a) It-trobbija, jew ahjar il-mankanza taghha, meta l-imputat kien ghadu zghir u t-

trawmiet psikologici li t-tragedji li sehhew fil-familja immdejata tieghu, meta dan kien ghadu zghazugh, necessarjament kellhom fuq il-personalita` tieghu. Minn dan l-aspett l-imputat kien svantaggjat fejn cittadini ohra; (b) Illi d-dipendenza tieghu u ta' martu fuq id-droga kienet, fil-fehma tal-Qorti, il-fattur bazilari li gab f'rovina z-zwieg ta' din il-koppja. Deher bic-car li l-imputat kien lest ghal kollox purche` li jakkwista d-droga, kemm ghalih kif ukoll ghal martu.

"Illi l-Qorti tasal biex temmen li l-imputat huwa determinat li jipprova jbiddel hajtu u jaqleb folja gdida, <u>izda minn naha l-ohra tikkonsidra li z-zewg fatturi premessi tant huma fondamentalment radikati fl-imputat u tant huma serji mill-lat psikologiku, li huwa kwazi impossibbli ghalih li, bis-semplici determinazzjoni tieghu minghjr dixxiplina kostanti imposta fuqu huwa ser jirnexxilu jikkura ruhu u jbiddel hajtu definittivament</u>.

"Il-fatt li xehed il-*counsellor* tieghu li l-imputat issa qabad tfajla, sab xoghol u qed juri determinazzjoni sabiex ibiddel hajtu ma jimmilitax kontra l-imsemmija konkluzzjoni tal-Qorti. Ghax ghalkemm dana l-fatt jista' jkun veritjier fl-intier tieghu, <u>xorta wahda hija l-kura li l-imputat ghandu bzonn li tista' taghti grad ta' garanzija li l-imputat mhux ser jerga' jaqa' ghall-hajja li wasslitu [sa dan il-gudikat]. Wara kollox il-Qorti tosserva li hadd mix-xhieda prodotti mill-imputat ma kkonferma li dana qata' l-vizzju tad-droga</u>.

"Ghalhekk f'dana l-kuntest il-Qorti thoss li l-ahjar soluzzjoni f'dan il-kaz tkun piena karcerarja adegwata, b'rakkomandazzjoni qawwija lid-Direttur tal-F.K.K. sabiex idahhal lill-imputat fil-programm SATU. B'hekk ikun qed jigi sodisfatt kemm l-aspett ta' deterrent li ghandu jkollha l-piena, kif ukoll l-aspett riformattiv tal-piena; u tawgura li l-imputat jaghmel uzu shih u tajjeb mill-programm ta' riabilitazzjoni li ser jaghmel fil-habs……In fine dwar il-piena l-Qorti tosserva li, in linea ta' massima, trobbija difficli u l-vizzju tad-droga mhumiex passaport jew xi forma ta' *safe conduct* li joperaw b'mod li jgibu fix-xejn s-sanzjonijiet tal-ligi ghal azzjonijiet kriminuzi, jew li jimmitigaw il-piena sal-grad li jigi stultifikat l-effett ta' deterrent tal-piena. Il-fini ta' deterrent tal-piena ma ghandu qatt jigi minimizzat sa tali punt li addirittura jingieb fix-xejn; ghax dan l-aspett tal-piena ghandu bhala bazi principali tieghu l-protezzjoni tas-socjeta` u s-sigurezza tac-cittadin."" (sottolinear tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali).

"Kif inghad, din il-Qorti taqbel perfettament ma' din l-esposizzjoni dottrinali maghmula mill-ewwel qorti; taqbel ukoll li *prima facie* jidher li f'dan il-kaz piena karcerarja hi mehtiega kemm sabiex l-appellant verament jibbenefika minn programm ta' riabilitazzjoni kif ukoll sabiex jintlahaq l-effett tad-deterrent tal-piena. Minkejja dan, qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi l-kaz definittivament, peress li ghadda certu zmien mis-sentenza ta' l-ewwel qorti u anke in vista tad-deposizzjonijiet ta' Patri Hilary Tagliaferro (fol. 100) u ta' Joseph Schranz (fol. 106), qeghda tinnomina lill-Ufficjal tal-*Probation* Mariella Camilleri sabiex thejji *pre-sentence inquiry report* halli b'hekk din il-Qorti tkun aggornata dwar l-ahhar zviluppi fil-hajja ta' l-appellant. Dana r-rapport ghandu jiffoka in partikolari fuq x'possibilitajiet hemm, jekk hemm, li l-appellant jirriforma ruhhu minghajr ma jkun f'istituzzjoni.";

Rat ir-rapport ta' l-Ufficjal tal-*Probation* Mrs. Mariella Camilleri, presentat u mahluf fl-udjenza tat-18 ta' Gunju, 2001; regghet semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-imsemmija udjenza; ikkunsidrat:

Il-konkluzzjoni ta' l-imsemmija Ufficjal tal-*Probation* prattikament tikkonferma dak li qalet l-ewwel qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-piena (hawn aktar 'l fuq riportati f'din is-sentenza), u cioe` li ghalkemm l-appellant irid ibiddel hajtu, huwa tista' tghid impossibbli li huwa jaghmel dan wahdu <u>minghajr xi forma ta' dixxiplina mposta fuqu</u>. In fatti f'pagna 16 tar-rapport jinghad hekk:

"Hemm qbil bejn il-professjonisti li qed jahdmu ma' Xandru Mamo li f'dan il-kaz ghadha tinhass il-htiega li jinbena pedament aktar sod sabiex ikun hemm possibilita`

ghall-istabbilita` [f'hajtu]. Hemm ukoll qbil li sabiex dan il-pedament jinbena, jehtieg struttura specifika bhal ma hija dik li wiehed isib f'centri ta' riabilitazzjoni. Fil-fatt huwa programm fuq bazi residenzjali l-aktar li jista' jwassal ghal stabbilita` fil-hajja ta' Xandru Mamo. Mill-informazzjoni migbura f'dan ir-rapport, tista' tigi stabbilita l-htiega li Xandru Mamo jiehu trattament ghall-abbuz ta' droga f'centru ta' riabilitazzjoni residenzjali. Dan il-pass ghandu jitqies bhala wiehed indispensabbli ghar-riabilitazzjoni ta' Mamo u ghalhekk qed jigi suggerit li jittiehdu l-mizuri kollha necessarji sabiex jigi assigurat li dan il-pjan jigi kkonsolidat."

Din il-Qorti ser timxi ma' dawna r-rakkomandazzjonijiet tal-Ufficjal tal-*Probation*. Din il-Qorti tittama li l-appellant jifhem li dak li qed taghmel mieghu il-Qorti huwa ghall-gid tieghu, u li tkun verament hasra jekk huwa ma jiehux din l-opportunita` li ser jinghata biex ibiddel hajtu radikalment u specjalment biex ma jibqax dipendenti fuq id-droga.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tiddisponi finalment minn dana l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata (tal-25 ta' Settembru, 2000) bil-mod segwenti: (a) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta' sentejn u nofs prigunerija, u minflok tikkundannah ghall-piena ta' sentejn peigunerija (mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz); (b) tiddikjara l-hames imputazzjoni (l-akkuza ta' theddid) bhala assorbita fit-tieni imputazzjoni; u (c) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Din il-Qorti, fid-dawl ukoll tal-konkluzzjoni tar-rapport ta' l-Ufficjal tal-*Probation*, ittenni dak li qalet l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, u cioe` li tirrakkomanda lill-awtoritajiet tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex isir kullma hu possibbli sabiex l-appellant Xandru Kristinu Mamo jibbenefika minn programm ta' riabilitazzjoni (mhux necessarjament dak tas-SATU) waqt li huwa jkun il-habs; u tirrakkomanda wkoll li jinzammu l-kuntatti, li jidher li sa issa li kienu siewja, bejn l-appellant u l-ufficjali tal-*Caritas*. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih komunikata mir-Registratur lid-Direttur tal-Habs u lill-Ufficjal tal-*Probation* Mariella Camilleri.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur